MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1924/2003

**Alfa Co. Ltd.**

**Vs**

**Ambrose Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-hlas ta’ Lm197.29 (mija u sebgha u disghin lira maltin u disgha u ghoxrin centezmu) dovuti ghal servizzi resi.**

**Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment, is-socjeta' konvenuta fis-17 ta' Novembru, 2003 naqset u ma dehritx meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra,**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' Lm197.29 (mija u sebgha u disghin lira maltin u disgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti servizz fornut mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta bl-ispejjes kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------